**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦDAX 15 ta' APRIL, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Din is-seduta saret virtwali minħabba l-kwistjoni tal-Covid 19.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **11.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 11.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **11.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 11.2.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ried iqajjem punt minħabba l-laqgħa preċedenti. Hu qal li fl-aħħar ħin, tal-aħħar seduta, s-seduta tmexxiet b'ħafna għaġla, minħabba li xi kunsilliera ħarġu mis-seduta u ma kienx ser ikun hemm kworum. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kieku min ikun irid jitlaq mis-seduta javża qabel tibda is-seduta, jkun aħjar ħalli ma jkunx hawn tfixkil waqt is-seduta. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| 11.2.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fir-rigward ta' punt 10.4.2 fejn il-Kunsillier Marisa D'Amato ressqet il-punt fuq jekk il-Kunsill għandux jieħu f'idejh art biex tintuża għall-firing site, ingħatat dokument ta' x'għandu jsir biex issir talba għad-devoluzzjoni. Imma l-ewwel ħaġa li trid issir hi li l-Kunsill irid ikun ċar f'dak li jrid u mhux jistaqi. F'dan il-ħin il-Kunsillier Marisa D'Amato reġgħet spjegat dak li qalet fis-seduta preċedenti. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li mingħajr ma jneħħi l-mertu fuq il-laqgħa li kellha l-Kunsillier Marisa D'Amato ma'membri tas-soċjetajiet, is-soċjetajiet għandhom jiktbu uffiċċjalment lill-Kunsill. Hu qal li din hi art tal-Gvern u m'għandux jidħol il-Kunsill fiha, minħabba xi diżgrazzja li tista ssir. Hu żied jgħid li meta riedu xi ħaġa s-soċjetajiet, ħaduha mingħajr ma avviċinaw lill-Kunsill.<br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li jekk jinqala xi ħaġa l-Kunsill ikun parti ċivili minn dak li jista jinqala għax il-Kunsill ser ikun s-sid tal-għalqa. F'dan il-punt semmiet il-każ li sar fejn jinħaraq in-nar tal-Imqabba.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fis-19:15. U qabel ħareġ qal li fuq dan il-każ ser jastjeni.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li waqt laqgħat li l-Kunsill kellu mas-soċjetajiet dejjem wriew id-diffikultajiet li għandhom fuq il-post fejn jaħarqu n-nar. Għalhekk hu ssuġġerixxa li jekk il-Kunsill jaqbel u jitlob għad devoluzzjoni, issir laqgħa mas-soċjetajiet u jassiguraw li l-ispejjeż tad-devoluzzjoni iħalsuhom bejniethom u jiffirmaw li l-Kunsill ikun eżenti minn kull diżgrazzja li tista issir.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li dan kellu jitressaq punt item fuq l-aġenda u mhux bħala korrezzjoni jew tweġiba tal-minuti, biex hu jkun preparat u jagħmel ir-riċerka tiegħu.<br><br>L-opinjoni tas-Sindku hi li l-ewwel issir laqgħa mas-soċjetajiet u wara titqajjem item fuq l-aġenda. Kien hemm qbil mas-Sindku.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ser ikollu joħroġ mis-seduta ħin 19:40. |
| | | |
| | | |
| 11.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tal-għaxar seduta. |
| | | |
| ***11.3*** | | ***Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici kien preżenti fuq talba tiegħu għal waqt din is-seduta*** |
| | | |
| 11.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima f'isem il-Kunsill Lokali, laqgħat lill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici biex jitkellem fis-seduta. |
| | | |
| 11.3.2 | | Il-Ministru rringrazzja lil kulħadd talli ġie milquħ għal din is-seduta u stieden lill-Kunsill iressaqlu t-talbiet tiegħu biex ikun jista jgħin fihom.<br>Is-Sur Mike Mifsud – is-Segretarju tal-Ministru, kien preżenti ukoll fl-istess uffiċċju li kien fih l-Ministru.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kien semgħa li ser isir żvilupp fl-iskola primarja taż-Żurrieq. Hu qal li jekk għandu jibda l-proġett, jisħaq li jibda kemm jista jkun malajr qabel terġa tiftaħ l-iskola.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab għal għajnuna għall-orkestra taż-Żurrieq. Il-Ministru qal lill-Kunsill li fuq għajnuna tal-orkestra taż-Żurrieq ser jibqa jagħti l-għajnuna kif dejjem għamel. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku Rita Grima qalet li l-kap tal-iskola xtaq post alternattiv għal-librerija, biex il-post preżenti jkun jista jutilizzah fi klassijiet.<br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li jekk titmexxa l-librerija ikun aħjar li ssir oħra f'post centrali biex tibqa aċċessibbli għar-residenti.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri talab computers fil-librerija biex persuna li tattendi tkun tista taħdem hemmhekk stess.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab biex issir tinda f'kull entratura tal-iskola, simili għal dik li kien għamel il-Kunsill fl-entratura prinċipali fi Triq Dun Guzepp Zammit.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato talbet l-għajnuna għal kors ġol-iskola ta' Primary hydroponic system project.<br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-armerija għandna permess imwaħħal li jingħad li ġejja librerija. Fuq dan il-każ il-Ministru qal li dik privata u m'għandux dettalji fuqha.<br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato talbet l-għajnuna għall- e books għat tfal taż-Żurrieq u biex isir reading garden fi ġnien l-emigranti. F'dan il-punt il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li ikun aħjar li reading garden isir fil-gnien Adrian Borg ta' quddiem l-iskola, biex ma jkunx hemm periklu għat-tfal biex jaqsmu t-triq mill-iskola.<br>IL-Kunsillier Kaydem Schembri talab l-għajnuna fuq korsijiet edukattivi u first aid courses.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia xtaqet li jsiru reading sessions ġo Bubaqra.<br><br>L-Onorevoli Ministru Owen Bonnici qal li ħa nota ta' kull suġġeriment/talba li għamel il-Kunsill u assigura li ser jaħdem fuqhom.<br><br>Il-Ministru staqsa jekk hemmx xi post fejn jista jsir out door gym ieħor biex ikun jista jgħati l-għajnuna tiegħu. F'dan il-punt ġew issuġġeriti ġnien il-kunsill tal-ewropa u fejn il-fotball grawnd ta' Triq il-Belt Valletta.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab l-għajnuna biex fi Ġnien il-Ġibjun wara il-ħanut, hemm art li tista issir 5 a side foot ball grawnd.<br><br>Il-Ministru Owen Bonnici qal li xtaq jgħin lill-klabb tal-football taż-Żurrieq. Il-Kunsillier Dino Bonnici irringrazzja lill-Ministru u qal li dejjem kien spalla kull meta ġie mitlub. Żied jgħid li jixtieq li jagħmel laqgħa miegħu u mal-kumitat ċentrali fuq l-għajnuniet li jixtiequ. Il-Ministru qal li bhalissa qed isiru taħdidiet għal budget li jmiss u stieden li jkun avviċinat f'kull għajnuna li jista joffru. |
| | | |
| 11.3.3 | | Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali filwaqt li sellmet lill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici, irringrazjatu ta' din il-laqgħa u tal-frott li ħareġ minnha. |
| | | |
| ***11.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 11.4.1 | | Ma kinex hemm komunikazzjonijiet xi jsiru. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***11.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 11.5.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li :<br>• hemm fossa fi Triq Espeditu Deguara, u li qed tintela ta' spiss. Jeħtieġ li jkun hemm sistema tad-drenaġġ.<br>• Hemm bżonn li jitpoġġa velenu tal-ġrieden fi Triq Ħal Far.<br>• Biex jitħaffef il-proċess tal-pjazza – is-Sindku qalet li llum hi u s-Segretarju Eżekuttiv tkellmu fuq il-każ mal-perit tal-Kunsill u ġew infurmati li għada ser ikun hemm laqgħa fuq il-proġett u l-Kunsill ser ikun infurmat xi jkun intqal f'tali laqgħa.<br>• Staqsa fuq il-pjanti tal-perit ta' ġnien l-Ewropa meta ser ikunu lesti - is-Segretarju Eżekuttiv ser terġa tikteb lill-perit fuq dan. |
| | | |
| 11.5.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• fhiex wasal il-proġett taż-zebra crossing fi Triq Wied Babu – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif jitlesta x-xogħol taż-zebra crossing ta' Vjal ix-Xarolla jibda ta' Triq Wied Babu<br>• għandu bżonn il-korrispondenza fuq Triq Dun Gwann Camilleri - manutenzjoni<br>• fi Triq is-Sindku intalbet zebra crossing – is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk ikun hemm min jaċċettha issir quddiemu. |
| | | |
| 11.5.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato staqsiet:<br>• fuq il-bozza fuq arblu ġdid fi Vjal il-Blue Grotto – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser issir max-xogħol li qed isir fit-triq.<br>• Staqsiet jekk f'dog bin tistax tarmi ħmieġ tal-qtates - ir-risposta kienet fil-pożittiv |
| | | |
| 11.5.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia:<br>• talbet dog bin ieħor fi Triq l-Arċipriet E Mifsud u tabelli biex kulħadd jiġbor il-ħmieġ tal-klieb – Kien hemm qbil fuq it-tabelli u jekk ikun hemm min jaqbel li l-bin isir quddiem ir-residenza tiegħu jiġi ordnat.<br>• Biex isiru double yellow lines madwar il-ġnien ta' triq in-nigret – kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 11.5.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Ministeru daħal bi sħab biex bejt ta' skola tiġi sviluppata fi ġnien. Hu ssuġġerixxa li jekk il-Kunsill ikun kapaċi li jidentifika art mhux fabbrikabbli, iressaq l- idea lill-tali Ministeru biex joħloq ġnien. Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li nistgħu nitkellmu mal-kap tal-iskola u jsir il-proġett hemm. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 11.5.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li jħossu dispjaċut li l-bankina ta' Vjal il-Blue Grotto ma kienx jaf biha bħala kunsillier, imma sar jaf bix-xogħol minn face book.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħafna drabi l-Kunsill ma jkunx jaf meta ser jibdew ix-xogħol. Ix-xogħol tal-bankina u t-triq bit-tarmakk qed issir wara ħafna talbiet minn kunsill preċedenti. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb f'isem il-Kunsill biex meta Ministeru jkun ser jagħmel xogħol fil-lokali l-Kunsill għandu jkun jaf. |
| | | |
| 11.5.7 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud staqsa:<br>• fuq it-talba tal-one way li għamel il-Kunsill biex issir direzzjoni waħda minn Vjal il-Blue Grotto. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja it-talba.<br>• Fi Triq Ħal Far hemm parti tat-triq imkissra viċin Sqaq Ballott – ser jieħu ritratti tal-ħsara u jibgħathom għal aktar informazzjoni.<br>• Biex jitattew il-bankijiet bil-plastik – ma kienx hemm qbil fuq dan<br>• Staqsa fuq id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Qrendi. – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ressqet pjanta. Kien hemm qbil li dan il-punt jitressaq f'seduta tal-Kunsill qabel tinfetaħ l-iskola. |
| | | |
| | | |
| ***11.6*** | | ***Rapport annwali amministrattiv u Pjan ta' Ħidma u r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena.*** |
| | | |
| 11.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għal-lum kienet majta laqgħa mal-pubbliku hekk kif titlob il-liġi, imma minħabba l-problemi li kulħadd irid iżomm id-distanza minħabba –virus Covid 19, din il-laqgħa ma saritx.<br>Madanakollu xorta qed jitressqu r-Rapport annwali amministrattiv u l-Pjan ta' Ħidma u r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena.<br><br>Dawn ir-rapporti kienu mibgħuta lill-kunsilliera b'email u ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| | | |
| ***11.7*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***11.7.1*** | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment/suġġerimenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br><br>***a.*** Persuna inkarigata mill-armar tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu tablet biex fi Vjal ix-Xarolla titħaffer ħofra fin-nofs tar-roundabout ta'Vjal ix-Xarolla k/m Triq il-Kuċċard, biex jitwaħħal arblu għal waqt il-festa. Kien hemm qbil fuq dan u li ma ssirx ħsara lir-roundabout.<br>b. Ix-xogħol ta' għoti ta' tarmak fi Vjal il-Blue Grotto inbeda. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit David Vassallo minn |

| | | |
|---|---|---|
| | | Infrastructure Malta, għin ħafna f'dan il-proċess u saħansitra ser issir il-bankina li bħalissa tinsab bil-planki (ta' man-naħa mal-grawnds) Din it-triq għandha tkun lesta sal-aħħar tax-xahar. |
| | | |
| 11.7.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex issir talba għad-devoluzzjoni ta' art fi Triq il-Belt Valletta biex tintuża għal cat cafe. L-awtoritajiet kompetenti għandhom bżonn parti mill-minuti li l-Kunsill kollu approva dan.<br>Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li l-Kunsill jaqbel li jitlob u jagħmel tajjeb għad-devoluzzjoni tal-art. |
| | | |
| 11.7.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex issir talba għad-devoluzzjoni ta' kmamar f'Misraħ Mattia Preti biex jintużaw għal-korsijiet edukattivi li jorganizza l-Kunsill.. L-awtoritajiet kompetenti għandhom bżonn parti mill-minuti li l-Kunsill kollu approva dan.<br>Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li l-Kunsill jaqbel li jitlob u jagħmel tajjeb għad-devoluzzjoni ta' dan il-kmamar.. |
| | | |
| | | |
| ***11.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 11.7.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jinqraw. |
| | | |
| ***11.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 11.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta'**€92,184.71.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ma ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Kenneth Farrugia u ma setgħetx tiġi ffirmata minn persuna oħra minħabba li s-seduta qed issir online. Il-Kunsillier Kyle Mifsud aċċetta li s-Sindku tiffirma f'ismu. |
| | | |
| ***11.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 11.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:45. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Mejju, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _27_____ ta' Mejju, 2020.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**